MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru. 732/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Gordon Schembri**

Magistrat Dr Josette Demicoli

21 ta' Ottubru 2014

Kumpilazzjoni Numru: 732/2010

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Schembru ta' 24 sena, bin Edwin u Nathalina nee' Galea imwieled Pieta' fis-7 ta' April 1986 Block 5 Flat 3 Lourdes, Triq Enrico Mizzi, Gzira detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 207386M:

1. Talli fid-9 ta' Lulju 2010 ghal habta ta' 11.15a.m. u hinijiet qabel waqt li kien fi Vjal Santa Lucija Rahal Gdid minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gary Buttigieg mill-Msida f'periklu car ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu cioe' ferita ta' natura gravi li gabitlu mankament jew sfregju f'wiccu skont ma ccertifikat it-tabib Dr Alexandra Baldacchino Reg 2180 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid.

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gary Buttigieg mill-Msida f'periklu car ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu cioe' ferita ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr Michael Gonzi Reg 1616 mill-Isptar Mater Dei.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet qabel f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Gary Buttigieg li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebbejt ghal Gary Buttigieg biex tingurjah, iddejjqu jew taghmillu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' that xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

5. U aktar talli kkommeta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-artikoli 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza datata 8 ta' Awwissu 2007.

6. U b'hekk sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Gary Buttigieg u tapplika l-provvedimenti ta' artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat qieghed jigi akkuzat (i) li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq Gary Buttigieg; (ii) li kkaguna ferita hafifa fuq l-istess Gary Buttigieg; (iii) lib l-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Gary Buttigieg li se tintuza' vjolenza kontrih; (iv) li hebb ghall-parte leza biex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara; (v) li kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza; u (vi) li sar recediv a tenur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali jirrizulta li fid-9 ta' Lulju 2010 ghall-habta tal-11.00a.m. il-parte leza Gary Buttigieg waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Skoda, Rgistrazzjoni Numru IPG 686, fi Triq Vjal Santa Lucija, Rahal Gdid gie segwut mill-imputat li kien qieghed isuq karozza tat-tip Mazda griza. L-imputat ghamel manuvra ta' sorpass, ghalaq it-triq tal-parte leza, nizel mill-karozza u tah daqqa ta' ponn fuq wiccu.

Jirrizulta li bejn il-parte leza u l-imputat kien hemm xi kwistjoni dwar xoghol li kellu jsir minn Gary Buttigieg ghall-imputat li min-naha tieghu kien tah xi depozitu ta' flus.

Illi dwar l-ewwel akkuza ic-certifikat mediku[1] rrilaxxjat fil-gurnata tad-9 ta' Lulju 2010 jindika li Gary Buttigieg sofra ferita ta' natura gravi. Meta l-istess tabiba xehdet[2] hija spjegat li ccertifikat li l-ferita kienet gravi ghaliex ma kinitx taf ir-rizultat tal-X-Ray u ghaliex fil-wicc tista' tibqa' marka. Mic-certifikat ezebit li jgib l-istess data[3] rilaxxjat mit-tabib Dr Michael Gonzi li wkoll ra lil Gary Buttigieg gie ccertifikat li l-ferita kienet ta' natura hafifa. Meta Dr Gonzi xehed[4], filwaqt li kkonferma li c-certifikat gie rilaxxjat minnu, li mill-X-Rays ma kien hemm l-ebda frattura fl-iskull. Meta imbaghad xehed Gary Buttigieg[5] apparti li gie

[1] Dok SZ1 a fol 24 tal-process
[2] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2011
[3] A fol 25 tal-process
[4] Seduta tal-25 ta' Gunju 2012
[5] Seduta tal-24 ta' Frar 2014

kkonstatat li l-ferita mhix vizibbli, l-istess parte leza xehed li m'ghadhiex vizibbli.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-imputat hebb ghal Gary Buttigieg billi tah daqqa ta' ponn f'wiccu izda l-ferita kkagunata mhix wahda ta' natura gravi izda wahda ta' natura hafifa. Ghalhekk l-imputat qieghed jigi lliberat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda qieghed jinstab hati tat-tieni akkuza. Ir-raba' akkuza tirrizulta wkoll.

Dwar it-tielet akkuza, l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**[6] fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid jirrizulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Izda kemm mill-imputazzjoni kif migjuba kif ukoll mill-provi ma jirrizultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'gara qabel izda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wiehed biss. Barra dan*

*ma jirrizultax li kien hemm xi kundanni ohra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab hati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioe Artikolu 251B((1) jghid "li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddieħor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra". Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat li effettivament l-imputat kien b'xi mod ikkaguna biza' fuq il-persuna ta' Gary Buttigieg li kienet ser tintuza vjolenza kontra

[6] Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Frar 2012

tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu. Infatti l-parte leza meta xehed[7] irrefera biss ghal meta l-imputat tah id-daqqa ta' ponn wara li segwih bil-karozza dakinhar stess. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Dwar il-hames akkuza l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014 li l-Prosekuzzjoni ma kinitx qeghda tinsisti aktar fuq din l-akkuza. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.

Is-sitt akkuza giet ukoll ippruvata billi giet ezebita s-sentenza moghtija fit-8 ta' Awwissu 2007.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix wahda nadifa, ic-cirkostanzi tal-kaz u partikolarment il-fatt li jirrizulta li l-imputat ghandu problemi psikologici. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti piena karcerarja mhix wahda idonea ghall-kaz odjern ghaliex l-imputat ghandu bzonn ghajnuna.

Oltre' dan mill-atti processwali lanqas ma jirrizulta li hemm il-htiega li tinhareg garanzija ghas-sigurta' ta' Gary Buttigieg a tenur ta' l-artikoli 383 et sequitur tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-arikoli 214, 215, 216(b), 221(1), 251B, 339(1)(d), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri

[7] Seduta tat-22 ta' Frar 2012

tal-hames imputazzjoni, issib lill-imputat hati tat-tieni, ir-raba′ u sitt imputazzjonijiet u b′applikazzjoni ta′ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tpoggih taht ordni ta′ probation ghal zmien sentejn u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------